ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 05/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 05/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2015**

**Ħin: Fis-6.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. FESTA SANTA MARIJA 2015

Fl-introduzzjoni tiegħu, is-Sindku qal l-iskop ta' din il-laqgħa hu biex nikkonkludu l-programm ta' attivitajiet marbuta mal-festa ta' Santa Marija.

Il-Kunsill unanimament qabel li jkun organizzat dan il-programm ta' attivitajiet:

| | |
|---|---|
| 9 ta' Awwissu | Attivita` flimkien ma' grupp ta' voluntiera biex jinġabru flus għal Puttinu Cares. Il-Kunsill iddeċieda li għal din l-attvita` jikri *bouncy castles* għat-tfal u jagħti tifkira żgħira lill-parteċipanti kollha fil-*car show*. It-triq tingħalaq b' żewġ gwardjani lokali mit-8.00am sas-1.00pm. |
| 17 ta' Awwissu | L-attivita` "Giochi Senza Frontieri – *It's a knockout".* |

| | |
|---|---|
| 18 ta' Awwissu | Divertiment għall-familja kollha bis-sehem ta' diversi kantanti fi Pjazza l-Assunta. Is-Sindku ppropona li nistiednu fosthom lil Johnny Cash u l-band tiegħu. Il-Kunsill alloka budget ta' €1,000 għal din l-attivita`. |
| 19 ta' Awwissu | Kunċert mill-Banda Santa Marija fi Pjazza l-Assunta. Jieħdu sehem il-Kor Regina Angelorum u l-Kor Santa Marija taż-Żebbuġ. Il-prezz mitlub miż-żewġ korijiet €400. Dan il-prezz kien approvat mill-Kunsill. |
| 21 ta' Awwissu | Produzzjoni ta' *feature* bit-tema "Iż-Żebbuġ u Ġrajjietu". L-ispiża biex isir dan il-*feature* €800. |
| 22 ta' Awwissu | Tiġrijiet taż-Żwiemel<br>(budget ta' €1,000). |
| Jibda fid-9.15pm | Sky Concert<br>(budget ta' €2,000)<br>Ġie deċiż li għall-iSky Concert:<br>− Il-Kunsill jipprovdi servizz ta' trasport mill-Għasri, minn fejn l-impjant ta-tarmak u mill-Qbajjar mis-7.30pm sa nofsillejl.<br>− Triq Wied l-Infern tingħalaq għat-traffiku b' żewġ pulizija fis-7.30pm.<br>− Servizzi ta' erba' gwardjani lokali / *securities* għal waqt l-attivita`. |

## 3. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba<br>Sindku | Diane Tagliaferro<br>Segretarja Eżekuttiva |